



Il-Kummissjoni
Ewropea



Gwida ta' malajr għal azzjoni tal-UE dwar **l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)**

*L-edukazzjoni
u t-taħriġ
vokazzjonali*

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/EU (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

L-istampi kollha © Shutterstock sakemm mhux indikat mod ieħor.

PDF	ISBN 978-92-79-81387-0	doi:10.2767/082089	KE-04-18-279-MT-N
PRINT	ISBN 978-92-79-81386-3	doi:10.2767/77543	KE-04-18-279-MT-C

Gwida ta' malajr għal
azzjoni tal-UE dwar
**l-edukazzjoni u t-taħriġ
vokazzjonali (ETV)**



L-UE u L-ETV

Il-Kummissjoni Ewropea taħdem mal-gvernijiet nazzjonali, mal-impjegaturi, mat-trejdjunjins u ma' pajjiżi barra l-UE sabiex:

- ittejjeb il-kwalità tat-taħriġ tal-ETV;
- ittejjeb it-tagħlim u t-taħriġ f'dan is-settur;
- tagħmel il-korsijiet aktar relevanti għas-suq tax-xogħol.

Dan l-irwol ġie stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen tal-2002, meta l-Istati Membri tal-UE qablu fuq prijoritajiet u strateġiji kondiviżi għall-promozzjoni ta' sistemi mifruxin mal-Ewropa kollha għar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki.

Hija u taħdem biex tissodisfa l-impenji tagħha, il-Kummissjoni tagħmel ħilitha sabiex toħloq opportunitajiet għaċ-ċittadini kollha sabiex jakkwistaw ħiliet ġodda — kemm jekk f'ambjent ta' skola, ta' kulleġġ, ta' università jew ta' ċentru ta' tagħlim; bħala parti mill-apprendistati u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; jew permezz ta' tagħlim mhux formali jew informali fuq il-post tax-xogħol jew barra. Dan ifisser l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' "perkorsi" għall-ETV. Uħud mill-perkorsi ewlenin tal-ETV huma ppreżentati fuq il-paġna li jmiss.



© Il-Kummissjoni Ewropea

“Fi żmien fejn 40 % tal-impjegaturi fl-Ewropa ma jistgħux isibu persuni bil-ħiliet ix-xierqa sabiex jimlew il-postijiet vakanti tagħhom, il-ħiliet vokazzjonali saru wħud mill-aqwa modi kif wieħed jista' jibni karriera. L-ETV għandha ssir l-ewwel għażla għaż-żgħażagħ u għandha tippermetti lill-adulti jżidu l-ħiliet tagħhom u jitgħallmu ħiliet ġodda kontinwament skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.”

Marianne Thyssen

Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali, il-ħiliet u l-Mobilità tal-Ħaddiema

Il-perkorsi tal-ETV spjegati

ETV Inizjali

Normalment imwettqa fl-iskola, qabel id-dħul fid-dinja tax-xogħol

ETV Kontinwata

ETV wara t-tmiem tal-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali — jew wara d-dħul fid-dinja tax-xogħol

Apprendistati

Skemi ta' ETV formali li jikkombinaw taġġim f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ ma' taġġim sostanzjali fuq ix-xogħol f'kumpanija, li jwasslu għal kwalifika rikonoxxuta f'livell nazzjonali, ibbażata fuq ftehim bejn l-apprendist u l-impjegatur (u eventwalment mill-istituzzjoni tal-ETV), fejn l-apprendist jitħallas jew jiġi ikkumpensat

Tagħlim vokazzjonali mhux formali u informali

Jinkludi l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' taġġim mhux formali u informali — kemm dawk aktar ġenerali kif ukoll dawk vokazzjonali

Il-prijoritajiet tal-UE għall-ETV għall-2020

Fil-Konklużjonijiet ta' Riga (Ġunju 2015), l-UE, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi taż-ŻEE, l-imsieġba soċjali tal-UE, il-Kummissjoni u l-fornituri Ewropej tal-ETV qablu fuq sett ta' riżultati għall-perjodu 2015–2020:

- Jiġi promoss **tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol** fil-forom kollha tiegħu, fejn tingħata attenzjoni speċjali għall-apprendistati, bl-involviment tas-sħab soċjali, il-kumpaniji, il-kmamar u l-fornituri tal-ETV, kif ukoll bl-istimulazzjoni tal-innovazzjoni u tal-intraprenditorija.
- Jiġu żviluppatti **aktar il-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità fl-ETV** b'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAVET) u, bħala parti mis-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, jiġi stabbiliti sistemi ta' sensjeli kontinwi ta' informazzjoni u ta' feedbacks f'sistemi inizjali u kontinwati tal-ETV ibbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim.
- Jittejjeb l-**aċċess għall-ETV u għall-kwalifiki għal kulħadd** permezz ta' sistemi aktar flessibbli u fluwidi, b'mod speċjali billi jiġu offruti servizzi ta' gwida effiċjenti u integrati u fejn tkun magħmula disponibbli l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u dak informali.
- Ikomplu **jissafu l-kompetenzi ewlenin** fil-kurrikuli tal-ETV u jiġu offruti opportunitajiet aktar effettivi sabiex jinkisbu jew jiġu żviluppatti dawn il-ħiliet permezz ta' ETV inizjali jew ETV kontinwata.
- Jiġu introdotti approċċi sistematiċi għal, **u opportunitajiet għal żvilupp professjonali inizjali u kontinwu ta' għalliema tal-ETV, ħarrieġa u konsulenti esperti fil-qasam, kemm fl-ambjent ta' skola kif ukoll fuq il-post tax-xogħol.**



Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa

L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa (2016), tippreżenta għaxar azzjonijiet ewlenin fi tliet oqsma prijoritarji.

1. It-titjib tal-kwalità tal-ħiliet u r-relevanza madwar l-Ewropa:

- Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet;
- Il-qafas tal-kompetenzi ewlenin;
- L-ETV bħala l-ewwel għażla;
- Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali.

2. Il-ħiliet u l-kwalifiki jkunu magħmulin aktar viżibbli u komparabbli:

- Ir-Reviżjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK);
- Għodda tal-UE għat-Tfassil tal-Ħiliet għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi.

3. It-titjib tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u tal-informazzjoni li permezz tagħha jkunu jistgħu jsiru għażliet aħjar mil-lat ta' karrieri:

- Reviżjoni tal-Europass;
- Analiżi tal-eżodu tal-aqwa mħuħ;
- Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet;
- Inizjattiva dwar l-intraċċar tal-gradwati.

L-isfidi ta' llum għall-ħiliet u s-soluzzjonijiet

Spariġġ fil-ħiliet

40 %

tal-impjegaturi fl-Ewropa ma jistgħux isibu persuni bil-ħiliet ix-xierqa biex jimlew il-postijiet vakanti tagħhom

Il-forza tax-xogħol b'ħiliet b'saħħithom tal-Ewropa tipprovdi l-bażi għall-mudell soċjali u għat-tkabbir ekonomiku tagħna. Biex iżommu u jtejbu l-bażi tal-ħiliet tal-Ewropa, il-leġiżlaturi u l-impjegaturi l-ħin kollu jistinkaw sabiex jeliminaw diskrepanzi u spariġġi fil-ħiliet, li jirriżultaw meta jkun hemm iżżejjed (jew in-nieqes) persuni li jkollhom il-ħiliet neċċessarji biex ifittxu okkupazzjoni. Il-pjattaforma onlajn **Skills Panorama** hija ċentrali għar-rispons tal-UE; din tittrasforma *data* f'informazzjoni utli, preċiża u f'waqtha biex tgħin lil-leġiżlaturi jaslu għal deċiżjonijiet informati fuq il-ħiliet. Fl-2016, il-Kummissjoni nediet ukoll **Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-ħiliet**, li jagħti lil dawk b'interess fis-settur industrijali, gwida bbażata fuq l-evidenza li huma għandhom bżonn biex inaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet.

ħiliet bażiċi

25 %

tal-adulti Ewropej isibu diffikultà fil-qari u l-kitba, fil-matematika jew fil-ħiliet diġitali bażiċi

Il-persuni jeħtieġu matematika bażika, litteriżmu u ħiliet diġitali sabiex isibu, jżommu jew javvanzaw għal impjegi aħjar u sabiex jaqdu l-parti tagħhom fis-soċjetà. Fl-2016, il-Kunsill tal-Ewropa adotta l-inizjattiva tal-Perkorsi ta' Titjib tal-ħiliet biex jagħti l-opportunità lil dawk iċ-ċittadini li jsibu diffikultajiet fil-ħiliet bażiċi li jsaħħu u jakkreditaw dawk il-ħiliet. L-Istati Membri sejrjn joffru **Perkorsi ta' Titjib tal-ħiliet** li jinkludu valutazzjoni tal-ħiliet, taħriġ imfassal apposta u għarfien tal-ħiliet permezz ta' servizzi ta' sensibilizzazzjoni lokali, servizzi ta' gwida u servizzi ta' appoġġ.

Apprendistati u taġġim ibbażat fuq ix-xogħol

860 000

apprendistat
ġew offruti minn
entitajiet interessati
tal-Alleanza
Ewropea għall-
Apprendistati sa
mit-tnedija ta' għax
fl-2013

Apprendistati u taġġim ibbażat fuq ix-xogħol huma biss wieħed mill-ixprunaturi għax-xogħol u t-tkabbir, iżda numru wisq żgħir ta' persuni qed jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet. Din hija r-raġuni għala, l-**Alleanza Ewropea għall-Apprendistati għandha l-għan li taġġi spinta lill-provvista**, il-kwalità, l-immaġni tal-apprendistat u l-opportunitajiet għall-mobbiltà tal-apprendist. Il-Kummissjoni qed ittejjeb ukoll l-idea tal-apprendistati u t-taġġim ibbażat fuq ix-xogħol permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni pereżempju l-**Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni introduċiet metodi ġodda ta' taħriġ barra l-pajjiż permezz tal-opportunità ta' mobiltà fuq terminu twil **Erasmus Pro** (parti mill-programm Erasmus+). Fl-aħħarnett, permezz tal-**Garanzija għaż-Żgħażaġħ**, l-Istati Membri qegħdin jagħmlu sforzi biex iżidu n-numri ta' offerti ta' apprendistati.

Ħiliet speċifiċi għax-xogħol

46 %

tal-kumpaniji
jindikaw li l-ħiliet
vokazzjonali huma
l-aktar importanti
għall-iżvilupp
fil-futur

Il-kumpaniji jeħtieġu firxa ta' ħiliet sabiex jassiguraw il-kontinwità u t-tkabbir tan-negozju. It-tliet ħiliet irrapportati mill-kumpaniji bħala l-aktar importanti għall-iżvilupp tan-negozju futur taġġhom huma l-ħiliet vokazzjonali (ħiliet tekniċi, prattiċi jew speċifiċi għax-xogħol), ħiliet ta' kif wieħed jirrelata mal-klijenti u ħiliet li persuna taħdem f'tim.

L-ETV hija l-għażla għaqlija għaċ-ċittadini

Gradwati tal-ETV jsibu xogħol aktar malajr minn sħabhom gradwati minn edukazzjoni ġenerali (edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja). Huma jaqilgħu wkoll aktar minn dawk il-persuni bi kwalifiki ġenerali. Għalhekk, jekk int, bħal ħafna oħrajn, tħares lejn l-ETV bħala “l-għażla l-baxxa” għal forom oħrajn ta’ taġġim, wasal iż-żmien li terġa’ taħsibha.

X’ser jiggwadanjaw l-istudenti?

Il-kisba ta’ kwalifika vokazzjonali hija metodu mill-aktar veloċi sabiex issib karriera. Mhux talli l-maġġoranza l-kbira tal-istudenti vokazzjonali jsibu xogħol mill-ewwel wara li jiggradwaw, iżda t-taħriġ taġġhom għandu impatt pożittiv sinifikanti fuq kemm jaqilgħu. Barra minn hekk, il-pass ma jaqta’ xejn tal-innovazzjoni jfisser li qed isir dejjem aktar essenzjali li ttejjeb il-ħiliet tiegħek matul il-ħajja — hekk kif ċertu okkupazzjonijiet jaġġmlu l-wisgħa għall-awtomatizzazzjoni, filwaqt li oħrajn jinbidlu permezz ta’ teknoloġija ġdida.

Għaliex issa huwa ż-żmien opportun li titħarreġ?

Dawk li jieħdu vantaġġ mill-ETV għandhom iċ-ċans li jibbenefikaw minn sodisfazzjon akbar fil-karriera billi jkunu minn ta’ quddiem fil-kompetizzjoni f’dak li għandu x’jaqsam ma’ bidla teknoloġika. Ser ikollhom ukoll aċċess għal numru dejjem akbar ta’ karrieri ġodda eċċitanti għal ħaddiema b’ħiliet akbar.

X’qed taġġmel l-UE biex issaħħaħ l-ETV u t-taġġim tul il-ħajja?

Programmi u inizzjattivi tal-UE appoġġaw lil eluf ta’ ċittadini Ewropej biex jaċċessaw ETV ta’ kwalità għolja, minn kollokamenti ta’ taħriġ ta’ Erasmus+, għal proġetti tal-Fond Soċjali Ewropew għal apprendistati appoġġati mill-Garanzija għaż-Żgħażgħ.



60 %

tal-gradwati tal-ETV jsibu l-ewwel impjieg tagħhom fuq terminu twil f'temp ta' xahar minn meta jtemmu l-istudji tagħhom (il-perċentwal jiżdied għal 80 % wara sitt xhur)

85 %

tal-istudenti li jagħżlu l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali huma kuntenti bil-ħiliet li kisbu

L-opportunitajiet ta' xogħol għal persuni b'ħiliet għoljin huma mistennija li jiżdiedu b'

+21 %

matul l-2015–2025, filwaqt li ser ikun hemm 17 % anqas opportunitajiet għal ħaddiema b'ħiliet baxxi

Aktar minn

120 000

studenti vokazzjonali u apprendisti u madwar 20 000 membru tal-persunal sejrin jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' mobilità Ewropea kull sena

Il-Fond Soċjali Ewropew qed jinvesti

€6.7 biljun

fl-ETV u €7.2 biljuni f'taġħlim tul il-ħajja (2014–2020)

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015–2020 hija l-promozzjoni u l-iżvilupp tal-ETV fl-Ewropea. Dan il-fuljett jipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa tas-sitwazzjoni attwali tal-ETV fl-Ewropa u kif l-UE qed taħdem biex issaħħu. Hija tenfasizza l-importanza tal-ETV, il-benefiċċji kemm għall-individwi kif ukoll għan-negozji, u l-kisbiet tal-programmi u l-inizjattivi tal-UE fis-settur s'issa.

Tista' trizzel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



www.facebook.com/socialeurope



https://twitter.com/EU_Social

#EUVocationalSkills

#DiscoverYourTalent

